**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Angelo Gafa')**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Carmel Mazzitelli**

**Kaz Nru: 681/2011**

**Illum 21 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba Carmel Mazzitelli ta' 55 sena, detentur tal-karta tal-identita numru 148056M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-1 ta' Settembru 2006 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentanti wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew

rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikolllhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkiostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gw maghmula b'risoluzzjoni wahda xjentement ghamilt uzu minn cedola, polza u ordni, jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentat wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depoziut jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmuli fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamilt uzu minn att awtentiku upubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjetement ghamilt uzu minn xi dokumenti iehor falsifikat.

Il-Qorti hija gentiloment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-procduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi jirrizulta s-segwenti:

- Hekk kif xehed l-Ispettur Angelo Gafa'[1], l-investigazzjoni bdiet wara li l-pulizija rceviet ittra datata 6 ta' Jannar 2011[2] minghand Martin Bugelli, Direttur tal-Local Government gewwa l-Ufficcju tal-Prim Ministru, fejn fl-istess ittra gie allegat li sehhew diversi rregolaritajiet fil-Kunsill Lokali ta' Pembroke.
- Fost tali allegazzjonijiet kien hemm li meta zar il-lokalita' sab telqa kbira u meta indaga gie a konoxxenza tieghu l-fatt li kien hemm kuntrattur partikolari, Shawn Farrugia, li kien gie mghoddi diversi xogholijiet li kienu jammontaw ghal eluf ta' euro. Is-sur Bugelli allega li x-xogholijiet ma kienux qeghdin isiru skont il-kuntratt u skont il-hlasijiet li kienu qeghdin jigu vversati mill-Kunsill Lokali.
- Gie allegat ukoll u fil-fatt saret investigazzjoni dwar cekkijiet mahruga mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke pagabbli lil Shawn Farrugia li kienu juru li whud minnhom kienu ffirmati minn certu Carmel Mazzitelli li jigi hu l-vici-sindku ta' dak iz-zmien u Farrugia kien is-sieheb ta' xi tfajla li kienet tigi minn dawn l-ahwa Mazzitelli.

[1] Seduta tat-30 ta' Novembru 2011

[2] Dok AG 1 a fol 22 tal-process

- Bhala stat ta′ fatt jirrizulta li l-imputat u l-vici-sindku ta′ dak iz-zmien verament huma ahwa izda r-relazzjonijiet ta′ bejniethom ma kienux tajbin[3].
- Mill-investigazzjoni gie stabilit li sa mis-sena 2006 kien hemm cekkijiet mahruga lil Shawn Farrugia u l-Ispettur issenjala u pprezenta tnax-il cekk[4] mahruga lil Shawn Farrugia u msarrfa minn Carmel Mazzitelli jew depozitati f′kontijiet bankjarji li l-imputat kellu f′bank lokali flimkien ma′ martu.
- L-ufficjal investigattiv xehed li dan kollu gara fil-perjodu ta′ Dicembru 2005 u Awwissu 2006 u mill-bqija c-cekkijiet gew imsarrfa minn Shawn Farrugia jew depozitati f′kontijiet bankarji tieghu jew ta′ terzi persuni relatati mieghu izda mhux konnessjoni mal-imputat.
- Irid ukoll jigi rilevat li l-ittra ta′ Martin Bugelli kienet giet ircevuta f′Jannar 2011 u kwindi hames snin wara d-data tal-imputazzjonijiet odjerni.
- Shawn Farrugia gie interrogat u dejjem insista li l-firem fuq ic-cekkijiet kienu tieghu.
- L-imputat ukoll irilaxxa zewg stqarrijiet izda mhux se ssir referenza ghall-istess invista ta′ dak li se jigi spjegat aktar ‘l isfel.
- Jirrizulta bhala fatt li Shawn Farrugia[5] inghata l-kuntratt mill-Kunsill Lokali, Pembroke sabiex jaqta′ l-haxix u tindif tal-lokalita′. Huwa kellu impjegati mieghu ossija lil Carmel Mazzitelli u lil Joseph Caruana.
- B′referenza ghac-cekkijiet ezebiti rrizulta[6] li c-cekkijiet 4795, 4796, 4871, 4907, 4954, 4955, u 5325 dawn kienu ssarrfu fi flus kontanti. Ic-cekkijiet 4956, 5185 u 5186 gew depozitati fil-kont tal-konjugi Mazzitelli u 5246 gie negozjat.
- Shawn Farrugia sostna li ghax-xoghol li kien isir kien jithallas permezz ta′ cekkijiet. Il-flus kien jigborhom l-imputat. Farrugia qal li huwa kien jiffirma c-cekkijiet u jibghat lill-imputat biex isarrafhom. Kien hemm drabi pero′ fejn Farrugia sarraf ic-cekkijiet huwa stess. Huwa kkonferma l-firem tieghu fuq ic-cekkijiet kollha li gew ezebiti.
- L-espert Joseph Mallia fir-rapport li gie ezebit fis-seduta tat-8 ta′ April 2013[7] ikkonstata u kkonkluda s-segwenti:

[3] Xhieda kemm ta’ Joseph Zammit fil-25 ta’ Mejju 2016 u x-xhieda tal-istess imputat
[4] Dok AG 2 a fol 24 et sequitut
[5] Xhieda tieghu fis-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2012
[6] Mix-xhieda ta’ Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc, fis-seduta tad-19 ta’ Settembru 2012
[7] Dok JM a fol 93 et sequitur tal-process

*Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati d-dokumenti CD 1 (password), CD2 (CD) li tigbor fiha digital images ta' firem u numri ta' karti ta' identita' li jidhru miktubin fuq in-naha ta' wara ta' cekkijiet numri 4795, 4796, 4871, 4907, 4954, 4955, 4956, 5185, 5186, 5246 u 5325 tal-bank HSBC, u d-dokumenti JM1 u JM2 li jigbru fihom firem originali ta' Shawn Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' numru 173180 (M), mehuda 'seduta stante' nhar l-10 ta' Jannar 2013, l-esponent jikkonkludi dan li gej:*

1. *Illi l-punti karatteristici li jidhru miktubin fil-kors ta-kitba fil-firem allegatament ta' Shawn Farrugia fuq in-naha ta' wara tac-cekkijiet tal-bank HSBC numri 4795, 4796, 4954 u 4955 huma kompatibbli u identici mal-firem originali tal-istess Shawn Farrugia, dokumenti JM1 u JM2.*
2. *Illi l-punti karatteristici li jidhru miktubin fil-kors tal-kitba fil-firem allegatament ta' Shawn Farrugia fuq in-naha ta' wara tac-cekkijiet tal-bank HSBC numri 4871, 4907, 5185, 5186, 5246 u 5325 huma inkompatibbli u ma humiex identici mal-firem originali ta' Shawn Farrugia, dokumenti JM1 u JM2.*
3. *Illi l-punti karatteristici li jsawru n-numri 173180(M) li jidhru miktubin fuq in-naha ta' wara tac-cekkijiet tal-bank HSBC numri 4795, 4796, 4954 u 4955 huma identici u ghalhekk gew miktubin mill-istess awtur.*
4. *Illi l-punti karatteristici li jsawru n-numri 173180(M) li jidhru miktubin fuq in-naha ta' wara tac-cekkijiet tal-bank HSBC numi 5185 u 5186 huma identici u ghalhekk gew miktubin mill-istess awtur.*
5. *Illi l-punti karatteristici li jsawru n-numri 173180(M) li jidhru miktubin fuq in-naha ta' wara tac-cekk tal-bank HSBC numru 5246 ma' jaqblux mal-punti karatteristici fil-kitba tal-istess numri li jidhru miktubin fuq in-naha ta' wara tac-cekkijiet numri 4795, 4796, 4954, 4955, 5185, 5186 u 5246.*
6. *Illi l-punti karatteristici li jsawru n-numri 173180(M) li jidhru miktubin fuq in-naha ta' wara tac-cekkijiet tal-bank HSBC numri 4795, 4796, 4954 u 4955 ma' jaqblux u ghalhekk ma' humiex kompatibbli mal-stess numri li jidhru miktubin fuq in-naha ta' wara tac-cekkijiet tal-bank HSBC numri 5185, 5186 u 5246.*

- L-imputat ghazel li jixhed[8] u kkonferma li fis-sena 2006 huwa kien impjegat fuq bazi part-time ma' Shawn Farrugia jaqta' l-haxix u jiknes. Mieghu kien hemm impjegat iehor certu Joseph Caruana. Dak iz-zmien l-imputat kien jahdem bis-shift mal-Gvern bit-trakk. Inkwantu ghall-akkuzi migjuba kontrih, huwa cahad li kien jiffirma xi

[8] Seduta tat-23 ta' Marzu 2015

cekkijiet minflok Shawn Farrugia. Huwa spjega li Shawn Farrugia kien jithallas permezz ta' cekkijiet mahrugin mill-Kunsill Lokali ta' Pembroke. Shawn Farrugia kien jimlihom u l-imputat kien imur isarrafhom il-Bank[9]. Meta kien imur isarrafhom gieli ntalab jiffirma fuq l-istess cekkijiet li huwa gharaf fuq ic-cekkijiet ezebiti in atti. Spjega li meta kien issarraf ic-cekk huwa kien jaghti l-flus lil Shawn Farrugia u gieli kien ighidlu biex izommhomlu u meta jitlobhomlu jaghtihomlu. Infatti kkonferma li fuq talba ta' Shawn Farrugia gieli pogga xi flus fil-kont bankarju tieghu u ta' martu.

- L-imputat xehed li huwa bazikament illitterat hlief li jaf jiffirma.

- L-espert Joseph Mallia[10] xehed li seduta stante ha kampjun tal-kaligrafija tal-imputat u ddikjara li mill-kampjun li kien ghadu kif ha seta' jikkonkludi li l-mod kif jikteb l-imputat fl-ewwel lok trid tiggwidah kif inhuma l-ittri. Innota li s-size u l-qies li jikteb bihom huma pjuttost kbar. Il-kostruzzjoni ghalkemm hija flowing pero' tinduna li xi hadd li ma jafx jikteb u jrid jigi ggwidat biex jikteb. Ghalhekk meta wiehed jara l-kitba li hemm fuq ic-cekkijiet li hija ta' certu qies u ta' certu disinn u ta' certu flow u tara l-kitba tal-imputat tinduna li ma jistax ikun li l-imputat kif kiteb seduta stante seta' kiteb ic-cekkijiet.

**Ikkunsidrat**

F'dan l-istadju jehtieg li jigi rilevat li inkwantu ghall-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat, din il-Qorti tqis li ghandhom jigu skartati u dan peress li l-imputat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju. Dan abbazi ta' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018; kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** deciza fl-20 ta' Novembru 2018; kif ukoll **Il-Pulizija vs Aldo Pistella[11].**

Inkwantu ghall-mertu, jinghad li saru hafna allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet fil-konfront tal-imputat li xejn minnhom ma gie

[9] Dan il-fatt huwa kkonfermat anki minn Joseph Caruana fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2017
[10] Seduta tat-30 ta' April 2018
[11] Qorti Kostituzzjonali deciza fl-14 ta' Dicembru 2018

ppruvat. Jigi nnutat li mill-ittra ta' Martin Bugelli jirrizulta li l-allegazzjoni tieghu primarjament kienet fuq il-governanza tal-Kunsill Lokali ta' hames snin qabel. Dak li jidher li ghokrot ghajnejn l-Awtoritajiet kien il-fatt li kien hemm parentela bejn Shawn Farrugia u l-imputat ma' wiehed mill-kunsilliera u li Shawn Farrugia, anki jekk ma kellux esperjenzi fil-qasam tat-tenders ghat-tindif, kien qieghed jirbah l-istess tenders. Biss pero' min-naha l-ohra rrizulta li bejn l-ahwa Mazzitelli m'hemmx relazzjonijiet tajba. B'hekk skattat l-investigazzjoni u l-imputat tressaq sabiex jiffaccja akkuzi relatati ma' falsifikazzjoni ta' firem fuq xi cekkijiet.

Illi Shawn Farrugia, li d'altronde' kien semmai il-parte leza, dejjem sostna li l-firem kienu tieghu. Mill-banda l-ohra rrizulta li kien hemm xi cekkijiet li ma kienx iffirmahom huwa izda mill-atti u mill-provi migjuba lanqas ma rrizulta li kien l-imputat li ffirma c-cekkijiet huwa minflok Shawn Farrugia. Anzi minn dak li kkonkluda l-espert Joseph Mallia gie eskluz li kien l-imputat almenu fuq il-kampjun moghti seduta stante. Fic-cirkostanzi u abbazi tal-provi prodotti certament li l-ewwel zewgt imputazzjonijiet u l-hames wahda ma jissussistux u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi lliberat mill-istess.

Illi inkwantu imbaghad ghat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet referenza qeghda ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs William Stride**[12]

*Illi f'din il-kawza l-imputat huwa akkuzat talli xjentement ghamel uzu minn certifikat tal-VRT falz u tressaq il-Qorti akkuzat bir-reati kif disposti fl-Artikolu 184 u l-Artikolu 185(2) tal-Kodici Kriminali.*

*Ghalhekk l-imputat gie akkuzat talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika xjentement ghamel uzu minn dokument falz.*

*Il-Kodici Kriminali fid-definizzjoni tar-reati li jaqghu taht l-intestatura ta' falsifikazzjoni ta' skritturi pubblici jew privati, ma jaghmel ebda referenza ghat-tip ta' intenzjoni rikjest ghall-ezistenza ta' dawn r-reati, salv ghall-*

[12] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fil-5 ta' Awwissu 2014

*Artikolu 180 tal-Kap 9, li l-imputat mhux akkuzat bih. Pero' dan ma jfissirx li fir-reati li jaqghu taht din l-intestatura d-dolus mhux necessarju kif fil-fatt issolleviet id-difiza fit-trattazzjoni taghha.*

*Fil-fatt fin-noti tieghu l-Professur Mamo jghid is-segwenti:*

*"an intention merely to deceive, that is to represent as genuine a document which is known to be false, is sufficient...or perhaps more correctly it can be said that the intention to defraud or alter the rights of others does not require to be proved, because such intention is presumed by the law from the very fact of the forgery of the document
in any one of the manners specified by law."*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v Charles Lebrun (1945) gie deciz li:-*

*"trattandosi ta' dokumenti pubblici falsifikati, il-fatt stess tal-falsifikazzjoni jikkostitwixxi l-ingann u l-hsara, jigifieri l-vjolazzjoni tal
fiducja li tinghata lid-dokument pubbliku."*

*Fis-sentenzi wkoll moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Rex v Buttigieg (1943), Rex v Agius (1943) u Rex v Kent Justices (1943), imsemmija fil-ktieb Recent Criminal Cases Annotated tal-Imhallef Harding (pg. 56, 66 rispettivament) gie enuncjat l-istess principju u cioe' li peress li mhux necessarju l-potenzjalita li tikkreja hsara fid-dokument pubbliku li gie falsifikat, ma hija l-ebda difiza li tghid li dak li ottjena l-persuna b'dak li ffalsifika kien intitolat ghalih.*

*Pero' jghid il-Professur Mamo, huwa l-importanti li:*

*"the document must appear upon the face of it to have been made to resemble the true instrument, not necessarily or exact resemblance, but such as to be capable of deceiving persons using ordinary observations according to their means of knowledge."*

*Il-kelma 'xjentement' fl-akkuza odjerna hawnhekk tfisser li jrid ikun hemm kemm intenzjoni specifika kif ukoll dik generika. Manzini fil-fatt jaghti spjegazzjoni taz-zewg tipi ta' mens rea f'dan id-dolo. Huwa jsostni li:*

*"il dolo generico consiste nella volonta` cosciente e libera e nell'intenzione di compiere la falsificazione sapendo di agire senza diritto",*

*filwaqt li:*

*"dolo specifico ha come fine di procurare a se o ad altrui un vantaggio o di recare ad altri un danno."*

Illi mill-provi prodotti la rrizulta li l-imputat kien hu l-awtur tal-falsifikazzjoni u wisq anqas ma gie ppruvat li li kien jaf li kien hemm falsifikazzjoni fuq uhud mic-cekkijiet u li nonostante dan mar jipprezentahom il-Bank sabiex jissarfu jew sabiex jigu depozitati fil-kont bankarju tieghu. Inkwantu ghal dan l-ahhar fatt l-imputat ma jichadx li kien hemm xi cekkijiet li gew depozitati fil-kont bankarju personali dan ma jfissirx li b'xi mod kien jaf li kien hemm xi falsifikazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**